# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Citaz. numru: 172/98 NA**

**Nizama Ademovic**

**vs**

**Fahrudin Ademovic u l-Avukat John Cremona u l-P.L. Nicholette Aquilina li b'digriet tal-4 ta' Marzu 1998 gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti Fahrudin Ademovic**

**Separazzjoni personali - Artikoli 40 u 41 tal-Kodici Civili.**

**Hemm ukoll abbandun a tenur ta' l-Artikolu 41 tal-Kodici Civili meta parti ma zzommx kuntatt mal-parti l-ohra u mat-tfal minuri u ma tipprovdi ebda forma ta' manteniment.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-26 ta' Jannar 1998 fejn ippremettiet:

"Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, servizzi gravi, ingurji u abbandun konness mill-intimata fil-konfront ta' martu;

Illi miz-zwieg twieldu zewgt itfal isimhom Mirza u Dahmo, liema tfal huma minuri;

Illi in effetti l-attrici hija residenti hawn Malta u ilha residenti hawn sa mill-1993;

Illi l-attrici kienet giet Malta mal-minuri msemmija bi ftehim ma' zewgha illi huwa jinghaqad maghhom b'dana pero' illi l-konvenut gie darbtejn f'Malta biex jara lill-attrici u lill-uliedu u dejjem telaq minn Malta minghajr ma halla indirizz ta' fejn qieghed jew jekk hux qatt ser jerga' jirritorna hawn Malta;

Illi in effetti l-konvenut abbanduna lill-attrici u din ma hiex konsapevoli ta' fejn jinsab zewgha l-konvenut;

Illi fiz-zewg okkazzjonijiet li l-konvenut gie Malta huwa pprova jiehu b'mod abbuziv liz-zewgt uliedu minuri u sahansitra pprova johroghom barra mill-pajjiz tant li l-attrici pprezentat mandat ta' inibizzjoni numru

3759/97 kontra l-imsemmi zewgha biex dan ma johrogx il-minuri barra mill-pajjiz;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond digriet tas-Sekond'Awla numru 14/98, kopja ta' liema tinsab esebita bhala Dokument "A", biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali;

TALBET li din il-Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. takkorda l-kura w il-kustodja tat-tfal minuri fuq imsemmija esklussivament f'idejn l-attrici;

3. tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti;

Bl-ispejjez u l-konvenut jibqa' ingunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda u l-elenku ta' dokumenti.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dr. John Cremona u l-Prokuratur Legali Nicholette Aquilina bhala kuraturi deputati b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-4 ta' Marzu 1998.

Fl-eccezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni guramentata taghhom tal-4 ta' Jannar 1999 il-kuraturi ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti w irrizervaw li jaghmlu eccezzjonijiet ulterjuri.

Fis-seduta tat-22 ta' April 1999 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi minkejja illi l-attrici ddikjarat illi ma kellhiex indirizz ta' zewgha l-konvenut.

L-attrici xehdet quddiem l-Assistenta Gudizzjarji fis-seduti tal-15 ta' Settembru u 8 ta' Ottubru 1999 u ddikjarat f'din is-seduta kif ukoll f'seduta quddiem il-Qorti tal-24 ta' Jannar 2000 li ma kellhiex aktar provi, filwaqt illi quddiem l-Assistenta Gudizzjarja l-kuraturi kienu ddikjaraw li ma kellhomx provi peress illi ma setghux jikkomunikaw ma' l-assenti.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta u mhux kontradetta temergi stampa tal-konvenut bhala ragel aggressiv u vjolenti. Minkejja illi fizikament kienet l-attrici li

telqet mill-Bosnia, dan ghamlitu minhabba l-gwerra f'dak il-pajjiz u ghalhekk fl-interess tal-minuri u zgur ghal raguni valida. Il-konvenut, dan nonostante, jista' jkun ukoll ikkunsidrat li abbanduna lill-mara u lill-minuri peress illi ma zamm ebda kuntatt maghhom u ma huwiex qed jipprovdi ebda forma ta' manteniment.

L-attrici llum ilha Malta mat-tfal sa minn Settembru tal-1993, qieghdha tghix Malta u tahdem hawn u ghalhekk minkejja illi dan il-punt ma giex sollevat, ghandha tkun ikkunsidrata bhala li akkwistat domicilju f'pajjizna u dan ghall-fini ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet u wara il rat l-Artikoli 40 u 41 tal-Kodici Civili l-Qorti qieghdha tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. takkorda l-kura u kustodja tat-tfal minuri msemmija fic-citazzjoni esklussivament f'idejn l-attrici;

3. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut proprju.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.